# 59. Il-Ħolma

Dal-lejl ħlomt bik fit-tul, ħanina tiegħi
u rajtek wiċċ ma' wiċċ u miegħi tmiss,
u qalbi faret b'dik l-imħabba kbira
li dari kont inħoss kif narak biss.

U bistek u għannaqtek b'dik il-ħeġġa
u ħerqa kbira kif kont mgħannqek dari;
twelidt mill-ġdid bħal siġra fir-rebbiegħa
li tikseb il-kant ġdid u l-weraq tari.

Stenbaħt mill-ħolm, u dik il-ferħa kbira
inbidlet f'ħafna mrar u ta' qalb swied!
Kemm int kiefer, ja Ħolm! għalfejn ridt trewwaħ
lin-nar ta' mħabbti moħbi taħt l-irmied?

Min tilef lill-ħanina f'nofs żgħożitu
nessih l-imħabba u l-ferħiet tar-ruħ,
darrih il-vojt, il-għera, d-dlam, iċ-ċaħda,
darrih tal-qalb il-għatx, darrih il-ġuħ!